MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 826/2012

**Margaret u Emanuel konjuġi Farrugia**
**K.I. 443356 (M) u K.I. 801749(M) rispettivament**

**vs.**

**Charmaine Sant**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2012,

> li permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elfejn, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€2551.41) rappreżentanti kont tad-dawl u l-ilma kkonsmat mill-konvenuta u tal-ħsarat li għamlet fil-fond mikri lilha mill-atturi u cioe l-fond bl-indirizz Flat 2, 73, Cettina Flats, Menqa Street, Ħal-Safi.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' żewġ mandati kawtelatorji mressqa kontestwalment mal-Avviż tat-Talba u bl-imgħax skont il-liġi.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta ippreżentata fit-18 ta' Frar 2013, fejn hija eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenuta u dana kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.

Ra d-dokumenti kollha esebiti inkluż l-affidavits ippreżentati mill-attriċi;

Ra illi l-konvenuta ma wriet ebda nteress f'din il-kawża, u qatt ma dehret quddiem it-Tribunal u dan minkejja li d-difensur tagħha attendiet regolarment u segwiet il-kawża b'diliġenza min-naħa tagħha.

Ra illi minkejja li t-Tribunal alloka żewġ seduti għas-smigħ tal-provi tal-konvenuta u cioe tat-28 ta' Novembru 2013 u 17 ta' Jannar 2014, din la qatt ma dehret u lanqas ipproduċiet ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħha, u għaldaqstant it-Tribunal iddikjara il-provi tal-konvenuta magħluqa;

Ra l-verbal tas-17 ta' Jannar 2014 fejn it-Tribunal iddikjara l-provi tal-konvenuta magħluqa u l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza, in difett t'ostaklu.

**Provi**

Ra l-affidavit tal-attriċi **Margaret Farrugia** fejn qalet li fid-9 ta' Mejju 2011 kriet l-appartament proprjetà tagħha bl-indirizz Flat 7, 73, Cettina Flats, Triq il-Menqa, f'Ħal Safi lil Charmaine Sant għal sena. Huma resqu għal skrittura privata bejniethom li kienu ffirmawha t-tnejn.

L-attriċi xehdet illi l-kera kienet fl-ammont ta' €300 fix-xahar u l-konvenuta kienet ħallset ukoll ta' depożitu ta' €700 biex jagħmel tajjeb f'każ ta' ħsarat. Qalet li għall-ewwel ħames xhur ma kellhiex problemi bil-ħlas tal-kera, iżda wara dejjem bdiet titħallas b'xahar lura wara li tkun ġibditilha l-attenzjoni kemm-il darba.

L-attriċi xehdet li fir-rigward tal-kont tad-dawl, dan kien jiġi d-dar għandha u kienet tgħaddih lill-konvenuta. Qalet ukoll ukoll li l-konvenuta kienet tgħidilha li tħallsu bil-kompjuter, iżda imbagħad l-attriċi kienet tirrealizza li Charmaine ma tkun ħallset xejn u din tal-aħħar kienet tgħidilha li se tiċċekkja għalfejn ma kienx għadda l-pagament. L-attriċi qalet li wara li telqet Charmaine ħalliet kont ta' Eur 1,754.41 li l-attriċi kellha tħallas.

Margaret Farrugia qalet li wara li għaddiet is-sena mill-iskrittura privata, Charmaine xtaqet tibqa' iktar fil-fond u għalhekk l-attriċi xtaqitha terġa tiffirma kuntratt ġdid, iżda hi ma riditx għax daqt kienet se titlaq u tmur x'imkien ieħor mal-partner tagħha. Effettivament Charmaine telqet fis-16 ta' Novembru 2012 u dan wara li l-attriċi kienet ilha tgħidilha li għandha titlaq għax ma kinetx qiegħda tħallas u ma kinetx riedet taqleb il-meter tad-dawl fuq isimha. Fil-fatt, l-aħħar li ħallset il-kera kien fl-20 ta' Settembru 2012 liema ħlas kien dovut fid-9 ta' Awwissu 2012. Għalhekk mid-9 ta' Awwissu sas-17 ta' Novembru 2012, l-attriċi ma tħallsitx tal-kera u hija żammet id-depożitu ta' €700 biex jagħmel tajjeb għal din il-kera.

L-attriċi qalet li qabel telqet Charmaine, hija riedet tidħol tara kif kien l-istat tal-flat u peress li ma kellhiex ċavetta tal-post ċemplitilha u kellmitha diversi drabi biex tħalliha tidħol, iżda hi ma ridietx. Fil-fatt meta Charmaine telqet, l-attriċi ma kinietx taf u nhar is-16 ta' Novembru 2012 filgħaxija sabet iċ-ċwievet fil-'letter box' tad-dar tagħha. Qalet li l-ewwel ħaġa li għamlet meta sabet iċ-ċwievet, kien li marret tara l-appartament, fejn x'ħin daħlet sabet diversi ħsarat fosthom is-sufan imdennes u mxarrab, il-bieb tat-toilet maqsum mill-kument, żewġ siġġijiet miksura, siġġu ieħor miksi bid-drapp kien imċappas biż-żebgħa, bieba tal-gwardarobba maqlugħa, cupboard tal-kċina maqlugħ, it-towel rail tax-xugaman imkissra, bieb ieħor b'biċċa mis-serratura mkissra, ir-rail tal-gallarija mkisser, ħġieġa mkissra fil-bieb tal-gallarija, blinds neqsin u żewġ serraturi ta' bibien tal-aluminium mingħajr ċwievet li kellha tibdilhom.

L-attriċi qalet li biex tirranġa dan kollu hija nefqet Eur 791.44. Apparti minn hekk is-siġġijiet miksura swew ħamsin Ewro il-wieħed.

Margaret Farrugia qalet li għalhekk, Charmaine għandha tħallasha tal-kont tad-dawl u l-ilma li semmiet qabel, u tal-ispejjeż li kellha tagħmel biex issewwi l-ħsarat li ħalliet.

L-attriċi qalet li meta rat dan kollu kienet ċemplet lil Charmaine ħafna drabi iżda ma weġbithix. L-attriċi qalet li meta rat hekk marret tieħu r-ritratti u bdiet proċeduri legali.

Margaret Farrugia qalet li wara li għamlet sekwestru lil Charmaine Sant, hija ċemplitilha u qaltilha li se tħallasha ta' kollox. Anke SMS bagħtitilha f'dan is-sens. L-attriċi qalet li sad-data tal-affidavit tagħha ma tħallset ta' xejn.

Ra l-affidavit ta' **Margaret Bongailas** fejn qalet li l-involviment tagħha f'din il-biċċa kien illi għenet lil Margaret Farrugia tieħu r-ritratti tal-post kif tħalla wara li telqet Charmaine. Margaret Bongailas tikkonferma li r-ritratti li ħadet Margaret Farrugia juru dak li kien hemm fil-flat.

Sema' x-xiehda ta' **Antonella Axisa** rappreżentanta tal-ARMS Ltd li ġiet mitluba tixhed dwar il-kont *101000148704* li jikkonċerna il-fond mikri lill-konvenuta. Hija kkonfermat li dan il-kont jinsab imħallas, inkluż il-fattura numerata 16069133. Antonella Axisa qalet li dan il-pagament fuq din il-fattura sar permezz ta' payment lot illi jfisser li probabbilment sar pagament il-Posta u li ma sarx b'ċekk għaliex kieku sar b'ċekk kien ikun immarkat li l-pagament sar b'ċekk. Spjegat li kemm il-Posta kif ukoll ARMS Ltd, meta jsir pagament bil-flus kontanti ma jieħdux id-dettalji tal-persuna li tagħmel il-ħlas jekk ma jkunux partikolarment mitluba biex jagħmlu dan. Ikkonfermat li l-fattura ġiet imħallsa fit-18 ta' Diċembru 2012. Qalet ukoll li l-irċevuta tal-Posta ġiet maħruġa mill-Posta għall-pagament li sar lil ARMS Ltd., fl-istess data u cioe fit-18 ta' Diċembru 2012. Qalet li l-ammont jaqbel ma' dak tal-fattura 16069133 u cioe €1751.41.

Sema' x-xhieda ta' **Paul Domenici,** tapezzar u li jiġġestixxi n-negozju bl-isem "Domen Sofa and Furniture". Huwa kkonferma li d-dokumenti fol. 38 u 39 tal-proċess huma fatturi maħruġin minnu lis-Sinjura Farrugia u li kien qed jagħraf il-firma tiegħu. Qal li kien ġie inkarigat darbtejn mis-Sinjura Farrugia u li l-fol. 39 huwa stima li kien taha f'Jannar 2013 u li Farrugia kienet ukoll tatu depożitu, mentri d-dokument a fol. 38 tal-proċess huwa l-fattura attwali li fuqha sar il-pagament.

Paul Domeniċi kkonferma li kien hemm €140 tal-materjal u l-kumplament kienu għax-xogħol. Xehed li s-sufan kien jikkonsisti fi three seater, żewġ armchairs u stool u li wasal għandu f'kundizzjoni ħażina. Fil-fatt, huwa qal li lil Farrugia kien bidlilha kemm il-materjal tas-sufan kif ukoll f'xi partijiet il-foam li kienu bil-ħsara. Paul Domenici qal li oriġinarjament is-sufan kien ta' materjal imitation leather u eventwalment dak li kien waħħal fuqu kien ukoll tal-imitation leather, fil-fatt kien *rexin* iswed. Qal li b'ċertezza kien jaf x'waħħal, jiġifieri materjal tar-*rexin* iswed iżda ma kienx ċert dwar dak li kien hemm qabel. Ftakar li l-kundizzjoni ta' dan is-sufan kienet ħażina minħabba t-traskuraġni ta' min kien qiegħed jużah. Ma ftakarx jekk kienx imxarrab ukoll.

Paul Domenici ikkonferma li kien tħallas ukoll €70 għat-tower ladder li kien inkariga u li ħallas, imbagħad ġie rimburżat mill-klijenta. Meta ġie mistoqsi kif ikkonkluda illi s-sufan ġie mqatta' bi traskuraġni, ix-xhud qal li dan is-sufan ma kienx mikul biż-żmien iżda fuqu kellu tiċrit li jkun sar b'mod volontarju. Paul Domeniċi qal li huwa kien ilu jagħmel ix-xogħol ta' tapezzar minn mindu kellu 15-il sena u cioe madwar erbgħin

sena. Qal li minkejja li l-klijenti jgħidulu kif ikun spiċċa f'dak l-istat is-sufan, huwa xorta waħda jinduna peress li huwa x-xogħol tiegħu u ilu jagħmlu għal ħafna snin.

Reġa sema' x-xiehda **tal-attriċi** fejn ikkonfermat li Charmaine Sant qaltilha li se tħallas l-ammont minnha mitlub, u li kienet sikwit tikkonferma li se tħallas lill-attriċi. Fil-fatt dan ma għamlithux. Qalet li għandha ħafna messaġġi min-naħa tagħha tgħidilha li ser tħallasha. Hija esebiet nota bit-traskrizzjoni ta' żewġ messaġġi f'dan is-sens, liema messaġġi ġew traskritti mid-difensur tagħha li kkonferma l-istess nota bil-ġurament.

**Konsiderazzjonijie**t

It-Tribunal ikkonsidra illi l-ammont ta' €2,551.41 pretiż fit-talba attriċi, sija in kwantu l-ammont ta' €1751.41 dovut għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma, sija l-ammont ta' €800 dovut għad-danni sofferti mill-atturi, huwa ammont ġustifikat u li ġie sodisfaċentement ippruvat.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll illi l-konvenuta bl-ebda mod ma kkontestat ix-xhieda li tat Farrugia u x-xiehda minnha prodotti quddiem dan it-Tribunal, minkejja li kellha ampjament l-opportunita li tagħmel dan.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal jagħżel li jemmen il-verżjoni tal-fatti mistqarra mill-atturi. Konsegwentement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi fil-propjeta` tagħhom li kienet lilha mikrija, u hija responsabbli wkoll ai termini tal-Artikolu 6 tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet (fol. 14) għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma li ġew ġenerati fil-perjodu li hija kienet qiegħda tokkupa l-fond. Il-kont esebit fol. 50 tal-proċess jirrigwarda sewwasew l-istess perjodu u jkopri preċiżament sad-data li fiha il-konvenuta telqet mill-fond.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tal-atturi, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u konsegwentement jordna lill-konvenuta tħallas lill-atturi is-somma ta' elfejn ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€2551.41), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Diċembru 2012 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-mandati kawtelatorji ppreżentati kontestwalment mal-Avviż tat-Talba, ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------